A.L. 62 ta' l-1993

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU (KAP. 215)

Ordni ta' l-1993 dwar Tiżmim Minimu ta' Attiv Speċifikat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar Tiżmim Minimu ta' Attiv Speċifikat.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

Emenda ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju.

2. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fil-paragrafu (i) tiegħu, minflok il-kliem "żmien japprova." għandhom jidħlu l-kliem "żmien japprova;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (i) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(j) dawk it-titoli negozjabbli, li jiskadu f'perijodu ta' ħames snin, maħruġa jew garantiti minn istituzzjonijiet internazzjonali jew minn istituzzjonijiet uffiċjali barranin jew minn xi istituzzjonijiet oħra meqjusa ta' livell għoli, fi flus li huma liberament konvertibbli, kif il-Bank Ċentrali jista' minn żmien għal żmien japprova: b'dan illi għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, titoli negozjabbli huma dawk it-titoli li huma negozjati fis-swieq finanzjarji internazzjonali u li huma magħrufa mill-Bank Ċentrali għal dan il-għan.".